**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 262/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Pierre Attard**

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Pierre Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 461663M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fil-kapacita' tieghu personali u/jew bhala sid il-fond *Army & Navy*, Tigne Seafront, Sliema, u persuna li jhaddem, talli nhar l-14 ta' Lulju, 2016, matul il-gurnata u/jew fil-granet ta' qabel:
>
> 1. Naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir, u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol billi naqas milli jaghmel jew li jizgura li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol.
>
>    Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza, u dan *ai termini* tal-artikoli 6(1)(2) tal-att 27/2000, Kap. 424 u l-artikolu 10(1) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuna li jhaddem hames haddiema jew aktar, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu kopja ta' dawn l-evalwazzjonijiet bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku, u li jizgura li jkunu aggornati regolarment, u dan *ai termini* tal-artikolu 10(2) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424, 18).

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuna li jhaddem, naqas milli jiehu mizuri necessarji ghat-tifi tan-nar u ghall-evakwazzjoni tal-haddiema f'kaz ta' periklu gravi u mminenti, u dan *ai termini* ta' artikolu 9(1) ta' A.L. 44/2002 (S.L. 424/15).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' seba' mitt Ewro (€700).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Pierre Attard, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija moghtija fl-24 ta' Mejju, 2017, billi;

(i) Tirrevoka in kwantu ddikjarat lill-esponent hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u li taghhom gie misjub hati, u b'hekk, l-esponent jigi ddikjarat hieles minn kwalunkwe mputazzjoni u piena.
(ii) Subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-esponent jitlob li f'kaz ta' konferma ta' htija *in toto* jew *in parte*, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar addattata fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paul Azzopardi huma s-segwenti w *cioe'*:-

a. Fuq il-provi mressqa, l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabet lill-esponenti hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrieh.
b. Subordinatament, u bla ebda pregudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, dik il-Qorti messha, fic-cirkostanzi tal-kaz, tat piena ehfef u aktar adattata lill-esponent, u mhux addirittura speci ta' kkastigatu talli ma qabilx mad-decizjoni tal-Awtorita' meta wehhlitu multa ta' €500.

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>**

Illi ghar-rigward l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, irrizulta mill-fatti mressqa f'dan il-kaz, u partikolarment mill-produzzjoni tac-certifikat dwar l-*Occupational Health and Safety Risk Assessment* ippreparat mill-espert tekniku, Christopher Attard, u pprezentat fl-atti ta' dan il-kaz minn David Saliba, r-rapprezentant tal-*OHSA*, huwa evidenti li ma kien hemm xejn fil-hanut *Army & Navy*, f'Tigne Street, Sliema, li seta' b'xi mod jipperikola s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-klijenti li jiffrekwentaw l-istess hanut. L-Ewwel Qorti lanqas biss qrat dan ir-

rapport meta gie pprezentat izda harset biss lejn id-data tieghu. Anki r-rapprezentant tal-*OHSA* li kien mar jispezzjona l-hanut tal-esponent, liema spezzjoni pperdurat ftit minuti u liema rapprezentant anke xehed f'dan il-kaz, qal meta gie mistoqsi, jekk kienx innota xi haga partikolari ta' perikolu, huwa rrisponda fin-negattiv. In-nuqqas tal-esponent kien jikkonsisti biss filli ma kellux ippreparata d-dokumentazzjoni dwar l-*Occupational Health and Safety Risk Assessment.*

Illi mbaghad, ghar-rigward it-tieni mputazzjoni, li hija alternattiva ghat-tielet imputazzjoni, li l-esponenti ma kienx bhala persuna li allegatament thaddem hames persuni, naqas li jzomm kopja bil-miktub jew b'mod elettroniku l-imsemmija evalwazzjonijiet, irrizulta wkoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-*Jobsplus* imressaq mill-Prosekuzzjoni, li fil-fatt, l-esponenti ma kienx jimpjiega hames impjegati, izda kien jimpjega biss erba' mpjegati u li huma kollha 'part – timers', u ghalhekk, dina l-obligazzjoni ma kienetx skond il-ligi tispetta lilu.

**<u>IT-TIENI AGGRAVJU</u>**

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, li kif inghad, qed jitressaq subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, tirrigwarda l-piena ta' seba' mitt Ewro (€700).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jilmenta illi ma kellux jinstab hati tar-reati addebitati lilu billi fuq il-post tax-xoghol immexxi minnu u cioe' fil-hanut "Army and Navy" gewwa tas-Sliema ma kien jezisti l-ebda periklu ghas-sahha u sigurta tal-haddiema tieghu, li b'kollox kienu jammontaw ghal inqas mill-hamsa, u allura ma jaqax taht il-kappa tar-regolament 10(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18.

Illi din il-Qorti kellha x-xorti tisma' mill-gdid ix-xhieda mismugha mill-Ewwel Qorti u kemm mill-atti kif ukoll mill-provi prodotti irrizultalha illi meta kienet saret ispezzjoni minn rappreżentanti tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Siġurta' fuq il-post tax-xogħol fil-ħanut Army and Navy sitwat ġewwa Tigne Seafront, f' tas-Sliema, kienu

ġew innutati diversi nuqqasijiet fosthom illi ma kienx hemm apparat ghat-tifi tan-nar u hrug ta' emergenza kif trid il-ligi oltre ghal fatt illi l-appellant bhala operatur ta' dan l-istabbiliment kien naqas milli ihejji evalwazzjoni dwar ir-riskju u dan kif ipprovdut fil-ligi.

Dan jirrizulta minn ittra mibghuta lill-appellant datata l-4 ta' Frar 2015 fejn allura huwa kien gie moghti diversi struzzjonijiet sabiex jaderixxi ruħu mal-liġi u sabiex jiġi konformi mal-obbligi tas-Saħħa u S-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol, fosthom rapport tar-'*risk assessment*', apparat għall-protezzjoni min-nirien u stħarriġ dwar l-istess.[1] Kien anke gie infurmat f'din l-ittra illi kienet ser issir spezzjoni oħra aktar il-quddiem sabiex jigi mistharreg jekk kenux ittiehdu il-miżuri neċessarji sabiex huwa jottempera ruhu mal-liġijiet in kwistjoni. Illi fil-fatt fl-14 ta' Lulju 2016 kienet saret spezzjoni oħra mill-istess rapprezentant tal-Awtorita[2] fejn xorta waħda ġew innutati diversi nuqqasijiet u fejn allura gie osservat illi l-appellant baqa' inadempjenti mal-istruzzjonijiet kollha li kienu ngħatawlu mill-Awtorita.[3] Jirriżulta wkoll mill-atti illi kien sar *risk assessment* mill-appellant u dan meta huwa nkariga lil certu Christopher Attard sabiex ighamillu dan ir-rapport, liema rapport sar wara l-ispezzjoni tal-14 ta' Lulju 2016, billi dan ir-rapport igib id-data tat-22 ta' Lulju 2016 fejn ghalkemm jirrizulta li f'din id-data kien hemm *in situ* il-minimu mehtieg fir-rigward ta' apparat tat-tifi tan-nar skont kif imfassal fir-regolamenti, madanakollu xortawahda gew osservati certu nuqqasijiet.

Gjaldarba wara it-tieni spezzjoni gie osservat illi l-appellant kien ghadu inadempjenti, giet imposta fuqu multa amministrattiva mill-Awtorita, liema multa baqgħet qatt ma tħallset u sussegwentement kellhom jittieħdu passi kriminali kontra tieghu.

L-appellant joffri x-xhieda tieghu u jinsisti li kienet saret biss spezzjoni waħda u jichad li hu qatt rċieva l-ittra esebieta in atti mingħand l-Awtorita'. In oltre jinsisti li huwa qatt ma gie moghti ebda ordni uffiċjali fit-termini tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Jikkonferma li ma kienx laħaq għamel rapport għar-*risk*

[1] Folio 3 tal-atti proċesswali.
[22] Joseph Cremona.
[3] Folio 15 tal-atti proċesswali.

*assessment* meta saret l-ispezzjoni iżda nsista li ma kienx infurmat li kellu jagħmel dan speċjalment tenut kont tal-fatt illi a differenza ta' dak allegat mir-rappreżentant tal-Awtorita, hu kien u għadu s'issa jħaddem massimu ta' erba' persuni. In oltre l-appellant stqarr li hu filfatt ħa l-miżuri kollha skond l-istruzzjonijiet mogħtija lilu liema istruzzjonijiet ġew għandu biss f'Lulju 2016 u mhux qabel.

Ikkunsidrat:

Illi r-reati addebitati lill-appellant jinsabu enkapsulati fl-artikolu 6(1)(2) tal-Att dwar l-Awtorita' Għas-Saħħa u S-Sigurta' li ghandu l-ghan li jizgura li s-sahha u is-sigurta tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol hija dejjem imharsa. Dan meta fis-sub-inciz 2 hemm elenkati l-mizuri kollha li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem u cioe' minn dik il-persuna li fit-termini tal-artikolu 2 tal-Att ***' għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi…'.***

> **"Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -**
>
> **(a) li jiġi evitat riskju;**
>
> **(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;**
>
> **(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;**
>
> **(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;**
>
> **(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;**
>
> **(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;**
>
> **(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;**

**(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u**

**(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.**

Dwar l-evalwazzjoni tar-riskji li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol, ir-regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 jiggwida lil min ihaddem hekk:

**10. (1) Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża:**

**Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq u fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa.**

**(2) Fejn ikunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar, min iħaddem għandu jżomm fil-pussess tiegħu kopji bil-miktub jew li jistgħu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għandu jiżgura li jkunu aġġornati regolarment.**

Illi fost il-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex ma jkunx hemm periklu ghal haddiema l-legislatur ried illi:

**9. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għall-ewwel għajnuna, għat-tifi tan-nar u għall-evakwazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' periklu gravi u imminenti:**

**Iżda l-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom ikunu adattati għax-xorta ta' l-attivitajiet u l-kobor tal-post tax-xogħol:**

**Iżda wkoll il-miżuri meħudin għandhom iqisu lil kull min jista' jkun preżenti f'dak il-waqt, jew li jistgħu jkunu preżenti, kif ukoll kull proprjetà fiżika u kimika tas-sustanzi preżenti[4].**

[4] Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.15

Ikkunsidrat:

Illi jibda' biex jinghad illi l-ligijiet specjali li tahthom huwa mixli l-appellant jixhtu il-piz tal-prova fuq il-persuna akkuzata u dan kif hemm mahsub fir-regolament 20 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 u r-regolament 32 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.15[5].

Issa ghalkemm l-appellant jikkontendi illi saret ispezzjoni wahda biss fil-hanut, madanakollu din il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-Ufficjal Joseph Cremona li jikkonferma illi saru zewg ispezzjonijiet mill-Awtorita' u mhux wahda. Kif lanqas din il-Qorti ma temmen lill-appellant meta isostni ukoll illi l-ittra datata 4 ta' Frar 2015 ma wasslitx ghandu meta l-indirizz fuq l-ittra jindika car u tond il-hanut mertu ta' dawn il-proceduri. Jidher ukoll mill-provi illi bejn l-ewwel u t-tieni spezzjoni kien tħalla żmien konsiderevoli ighaddi sabiex l-appellant inghata zmien bizzejjed biex jieħu l-miżuri meħtieġa, kif kien obbligat li jagħmel, sabiex jissanna l-posizzjoni tiegħu. Dan qed jingħad peress illi l-ittra eżebita li ggib id-data ta' Frar tas-sena 2015, tagħmel referenza ċara għal spezzjoni li kienet diġa saret fl-istabbiliment in kwistjoni. Hemm indikat ukoll li kienet ser issir spezzjoni oħra aktar il-quddiem mill-Awtorita sabiex janalizzaw jekk filfatt l-appellant kienx ottempera ruhu mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu u nfatti mill-atti u skond dak li xehed Joseph Cremona, jidher li kienet saret din it-tieni spezzjoni f'Lulju tas-sena 2016 u ċioe aktar minn sena u nofs wara l-ewwel waħda. In oltre skond il-liċenzja u d-dettalji dwar l-istabbilment in kwistjoni li jinstab eżebit a folio 20 et seq tal-atti proċesswali, jidher li

---

[5] 20. F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jsiru taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raġun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaġa, għandu jkun jaqa' fuq l-akkużat li jipprova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raġun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa.'

32. Fil-proċeduri kollha għal reat skond dawn ir-regolamenti, li jikkonsisti fin-nuqqas li wieħed jikkonforma ruħu ma' xi dmir jew ħtieġa li għandu jagħmel, jew li jagħmel xi ħaġa safejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, l-akkużat għandu jipprova (kif ikun il-każ) li ma kienx prattiku jew ma kienx raġonevolment prattikabbli li jagħmel iżjed minn dak li sar biex jiġu sodisfatti dak id-dmir u dik il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar, minn dawk li fil-fatt intużaw, biex jissodisfaw dak id-dmir jew dik il-ħtieġa.

l-appellant kien ilu responsabbli għall-ħanut imsejjaħ "Army and Navy" mit-30 ta' April 2014 u li allura jfisser li r-responsabbilta' kienet tinkombi fuqu, bħalma wara kollox kien jinkombu fuqu dejjem li jaċċerta li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol tal-impjegati tiegħu. Fil-fatt jidher illi r-*risk assessment* kien sar mill-appellant finalment wara t-tieni spezzjoni billi r-rapport tal-assessur Christopher Attard huwa datat 22 ta' Lulju 2016. Dan ifisser illi l-appellant ma jistax jaħrab mis-sanzjoni penali imposta fuqu fl-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi madankollu din il-Qorti ma tistax tgħid l-istess għal dak li jirrigwarda t-tieni akkuża u ċioe li l-appellant naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu r-rapport tar-*risk assessment* li kellu jagħmel. Dan qed jingħad in vista tal-fatt li skond ir-regolament 10(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 dan l-obbligu jinkombi fuqu biss jekk iħaddem ħames persuni jew aktar, liema fatt ġie kontestat ampjament mill-appellant. Jingħad illi skond ix-xhieda ta' Joseph Cremona dan ix-xhud stqarr li l-appellant kien infurmah hu stess li kellu madwar disa' impjegati u mhux ghaliex kien rahom hu *di visu*. Illi fir-rapport imhejji minn Cremona li ghandu ix-xejra ta'*check list*, li huwa esebiet in atti, din l-informazzjoni ma tirrizulta minn imkien. In oltre meta xehed Joseph Saliba rapprezentant tal-Jobsplus jidher illi fuq l-istabbiliment bl-isem Army and Navy kien hemm irreġistrati erba' mpjegati u allura din il-Qorti hija tal-fehma li magħdud kollox, hemm dubju raġjonevoli dwar kemm filfatt l-appellant kellu nies impjegati miegħu . Konsegwentement dan ser iwassal sabiex din il-Qorti tirrevoka l-ħtija fir-rigward tat-tieni akkuża, limitatament għal dak li jirrigwarda ż-żamma tal-evalwazzjonijiet li setgħu saru fuq l-istabbiliment tiegħu skond kif indikat taħt ir-regolament 10(2) tal-LS424.18 u dan peress li hemm dubbju raġjonevoli dwar in-numru ta' impjegati fl-istabbiliment in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aggravju dwar il-piena li skond l-appellant hija eċċessiva, anki tenut kont tal-fatt li l-multa amministrattiva mahruga mill-Awtorita, kienet ta' mitejn ewro anqas minn dik imposta mill-Ewwel Qorti. Issa l-piena ghar-reati addebitati lill-appellant tohrog mill-artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-

piena hija dik jew tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew f'multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien. In oltre l-Qorti li tkun qed tiġġudika l-każ, tista fuq talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat.

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti imponiet piena tal-multa fl-ammont ta' €700 għall-akkużi kollha miġjuba kontra l-appellant li taghhom gie misjub hati, mingħajr m'ordnat it-tħassir ta' xi liċenzja jew permess. Il-piena allura kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u mhux biss izda tqarreb lejn il-minimu, irrispettivament allura mill-ammont prefiss fil-multa amministrattiva. Dan maghdud, il-Qorti, madanakollu ser tvarja l-piena inflitta fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ser jigi illiberat mit-tieni akkuża.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, izda tirrevokaha fejn sabet ħtija ghat-tieni akkuża u minflok tilliberah minnha. Tvarja il-piena inflitta u tikkundanna lill-appellant multa ta' sitt mitt Euro (€600).

(ft)

Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur